TAL-PIETA`

# MINUTI

## Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 09

L-Erbgha, 12 ta' Marzu, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi, u l-Kunsillieri Colin Bowman, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 08 li saret nhar l-Erbgha, 5 ta' Frar, 2025, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* ***Estensjoni tal-UCA fil-lokalita`***. Is-Sindku qal li l-Awtorita` tal-Ippjanar kienet laqghet tajjeb il-proposta tal-Kunsill Lokali Tal-Pieta` u se tkun qed tara jekk hemmx bżonn estensjonijiet ohra fl-UCA ta' lokalitajiet ohra li jaghmlu parti mir-Regjun Lvant.

*3.2* ***Tender Cafetteria***. Is-Sindku informa li z-zmien ghall-appelli kien ghadda u l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda appell. Ghalhekk, il-Kunsill ser ikun qed jaghmel il-kuntratt ma' Aliya Noor, il-persuna li kellha l-ahjar offerta u li kienet maghzula mill-Bord tal-Ghazla.

*3.3* ***Kors tad-Drama***. Is-Sindku informa li kien inhareg flyer ghal dan il-kors tad-drama u diġà hemm madwar tmint itfal interessati.

## 4 ESTIMI TAD-DHUL U HRUG GHAS-SENA 2025

*4.1* Tressqu quddiem il-Kunsill l-Estimi tad-Dhul u Hrug ghas-sena 2025 (Appendici A). Wara diskussjoni li saret dwarhom, b'mod unanimu gew approvati dawn l-Estimi tad-dhul u Hrug.

## 5 KORRISPONDENZA

*5.1* Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*6.1* **Multi mill-ERA**: Is-Sindku informa li matul is-sena 2024 kienu inghataw 784 multa fir-Regjun Lvant mill-ufficjali tal-ERA. 22% minnhom kienu inghataw f'Tal-Pieta`.

*6.2* **Kunsill Lokali tat-Tfal**: Is-Sindku informa li fit-3 ta' Marzu kien sar l-ewwel Kunsill tat-Tfal u li ghalih s'issa kienu applikaw erbat itfal. Ser tinghata informazzjoni fl-iskola kif ukoll waqt id-duttrina sabiex jikber aktar in-numru ta' parteċipanti. Dan il-Kunsill ser ikun qed jiltaqa' darba fix-xahar fl-ufficcju tal-Kunsill.

***6.3*** **Skema SPI.SCI.03.2025 – Lokalitajiet aktar nodfa**: Is-Sindku informa li l-Kunsill kien se japplika biex jipparteċipa f'din l-iskema. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 7 MISTOQSIJIET

*7.1* Il-Kunsillier Grech staqsa meta kien se jibda x-xoghol fil-playingfield. Is-Sindku wieġeb li bhalissa qeghdin fil-process ta' evalwazzjoni ta' dan it-tender.

*7.2* Il-Kunsillier Pisani irrimarka li hemm xi hsara fuq il-bankina fi Triq Telghet Gwardamanga quddiem l-ufficcju ta' TM fejn isiru t-testijiet tat-teorija tal-licenzja tal-karozza. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li l-Kunsill se jara x'hemm bżonn isir.

*7.3* Il-Kunsillier Grech qal li l-ispralli tal-ilma tax-xita li hemm fuq il-bankina ta' faċċata tac-cimiterju fi Triq id-Duluri baqghu ma trangawx mill-inkwilini ghalkemm il-Kunsill gibdilhom l-attenzjoni dwarhom. Issuġġerixxa li tintbghatilhom ittra biex jirrangawhom.

## 8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

*8.1* Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 08. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 9. TMIEM

*9.1* Fis-6.15pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 2 ta' April, 2025, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Stefano Savo
Sindku